IL-QORTI ĠENERALI

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2015 – Iberdrola vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-260/15)

(2015/C 254/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Iberdrola, SA (Bilbao, Spanja) (rappreżentanti: J. Ruiz Calzado u J. Domínguez Pérez, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla l-Artikolu 1;

— tannulla l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni, sa fejn tirrikjedi li r-Renju ta' Spanja jtemm l-iskema ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 1;

— tannulla l-Artikolu 4(2), (3), (4) u (5) tad-Deċiżjoni, sa fejn tordna l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat ikkonstatata mill-Kummissjoni;

— sussidjarjament, tillimita l-portata tal-obbligu ta' rkupru impost fuq ir-Renju ta' Spanja mill-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni skont l-istess termini bħal fil-każ tal-Ewwel u tat-Tieni Deċiżjoni, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża hija l-istess bħal dik fil-Kawżi T-12/15, Banco de Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni, u T-252/15, Ferrovial SA *et* vs Il-Kummissjoni.

Il-motivi u argumenti prinċipali invokati huma simili għal dawk esposti f'dawn il-kawżi.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2015 – Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-263/15)

(2015/C 254/20)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Gmina Miasto Gdynia (Gdynia, il-Polonja) u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo sp. zo. o. (Gdynia) (rappreżentanti: T. Koncewicz, K. Gruszecka-Spychała u M. Le Berre, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tiddikjara invalida u tannulla fl-intier tagħha d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tas-26 ta' Frar 2015, dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.35 388 (2013/C) (ex 2013/NN u ex 2012/N), il-Polonja, "Kostruzzjoni tal-ajruport ta' Gdynia Kosakowo";

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw, *inter alia*, il-motivi segwenti:

1. L-ewwel motiv

— Arbitrarjetà u żball flagranti fil-konstatazzjonijiet ta' fatt li abbażi tagħhom ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, nuqqas konsegwenti min-naħa tal-Kummissjoni li tibqa' fil-limiti tad-diskrezzjoni tagħha, u żbalji manifesti fl-evalwazzjoni tal-provi.

2. It-tieni motiv

— Nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni fatturi u ċirkustanzi li huma rilevanti għall-evalwazzjoni ġuridika tal-investiment fl-ajruport Gdynia-Kosakowo.

3. It-tielet motiv

— Nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li tibqa' fil-limiti tad-diskrezzjoni tagħha fis-sens tal-ġurisprudenza li tenfasizza l-obbligu ta' istituzzjoni li għandha diskrezzjoni li tispjega għalfejn provi u fatti speċifiċi ttieħdu inkunsiderazzjoni, filwaqt li oħrajn ġew miċħuda.

4. Ir-raba' motiv

— Ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE flimkien ma' prinċipju ġenerali tad-dritt Ewropew – il-prinċipju ta' ċertezza legali u ta' lealtà tal-istituzzjoni fil-konfront ta' persuni suġġetti għal-liġi – minħabba applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljati.

5. Il-ħames motiv

— Ksur minħabba klassifikazzjoni legali żbaljata tal-fatti u tal-provi, li rriżultat fi ksur mid-deċiżjoni kkontestata tal-Artikolu 107(1) TFUE għaliex ġie kkonstatat li f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent li l-azzjonijiet tar-rikorrenti jissodisfaw it-test tal-investitur privat ma ġewx sodisfatti u ma ġiex stabbilit li l-proġett ta' investiment kien ser jitwettaq minn investitur privat, bil-konsegwenza li l-investiment Gdynia-Kosakowo kien jiddependi fuq għajnuna pubblika mhux awtorizzata.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2015 – Gameart vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-264/15)

(2015/C 254/21)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Gameart sp. z o.o. (Bielsko-Biała, il-Polonja) (rappreżentant: P. Hoffman, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea